Iddisinja poster għall-attività ta': **Jum ix-xagħar kif ġie ġie**.

# Poeżija forma ta' lista

1. Biex tikteb poeżija forma ta' lista trid tniżżel taħt xulxin għadd ta' oġġetti, postijiet, nies u l-bqija, skont il-poeżija.
2. Ħafna drabi tista' tuża r-ripetizzjoni.
3. Il-poeżija mhux bilfors tkun tirrima.

Ħares lejn ir-ritratt ta' paġna 19.

Agħmel lista tal-partijiet tal-ġisem jew l-aċċessorji li tixtieq issemmi fil-poeżija.
Tista' tibda hekk:

Xagħarha ____________________

Ħalqha ____________________

Idejha ____________________

In-nuċċali ____________________

Il-brazzuletti ____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

Jew tista' tagħmel il-lista tiegħek u tikteb il-poeżija kif tridha int.

Titlu tal-gazzetta

Titlu tar-rapport

Min kitbu

**Espressjonijiet f'eżerċizzju A**

1. **Min iħawwad fil-borma jkun jaf x'fiha.**
   Min ikun fis-sitwazzjoni jkun jaf verament x'inhu għaddej.

2. **Kemm għad trid tiekol ħobż u ġobon!**
   Kemm għad trid taqta' bi snienek!

3. **Tefa' l-ġebla fuq saqajh!**
   Tefa' t-tort fuqu nnifsu.

4. **Żaqqu tesa' ħobża u kelma ma tesagħhiex.**
   Ma jafx iżomm sigriet.

5. **Raqqa' l-pannu bil-qara' aħmar.**
   Ipprova jirranġa s-sitwazzjoni b'xi ħaġa li mhux tajba biex tirranġaha.

6. **Ara kif tagħmel biex tikseb dak li hu tajjeb.**
   Sib mod biex takkwista xi ħaġa tajba.

7. **Min iħabrek itella' ħafna xogħol.**
   Min jaħdem ilesti ħafna xogħol.

8. **Aħrab il-bniedem li m'għandux mistħija.**
   Tagħmilhiex ma' xi ħadd li mhux prudenti.

9. **La tħallix il-qattus għassa mal-ħut.**
   Tafdax lil xi ħadd ma' xi ħaġa li hi għal qalbu għax jista' jaħtafha (jekk tafda l-qattus għassa mal-ħut hemm ċans jieklu).

10. **Fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn.**
    Il-bniedem li jħobb xi ħaġa jmur warajha jew jaqa' għaliha.

**Espressjonijiet f'eżerċizzju B**

1. **Il-ħmar iwaħħal f'denbu.**
   Ħaddiem ħażin iwaħħal fl-għodda tiegħu.

2. **Malajr iċarrat ħalqu.**
   Ikun minn tal-ewwel biex jidħaq.

3. **Kelb rieqed la tqajmux.**
   Tindaħalx f'sitwazzjonijiet li jkunu kwieti u li jistgħu jikkawżaw problemi jekk tindaħal.

4. **Qdejtek mill-koxxa.**
   Qdejtek mill-aħjar li stajt.

5. **Agħtini xortija u itfagħni l-baħar.**
   Min għandu xortih tajba dejjem tiġih tajba.

6. **Aħjar għasfur f'idek milli mija fl-ajru.**
   Aħjar ikollok xi ħaġa f'idejk milli taħseb li jkollok ħafna affarijiet u ma jkollok xejn fiż-żgur.

7. **L-ajru għandu għajnu u l-ħajt għandu widintu.**
   Ma tafx min ikun qed jisimgħek.

8. **Qamar Settembru jiġbed sebgħa warajh.**
   It-temp ta' Settembru jirrifletti t-temp tas-seba' xhur ta' wara.

9. **F'Awwissu l-għeneb iħallik tmissu.**
   F'Awwissu l-għeneb ikun tajjeb biex jinqata' u jittiekel.